MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru 51/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mustafa Ahmed El Gamoudi**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn decizjoni tal-Qorti Kriminali moghtija minn dik il-Qorti fl-1 ta' April 2011 dwar eccezzjonijiet preliminari ta' l-akkuzat u ta' l-Avukat Generali. L-akkuzat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fil-5 ta' April 2011.

**2.** Mustafa Ahmed El Gamoudi kien akkuzat, permezz ta' Att ta' Akkuza pprezentat mill-Avukat Generali fl-14 ta' Dicembru 2009 (nru 51/2009) li: (1) recidiv f'delitt, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (2) recidiv f'delitt, ikkommetta stupru vjolent aggravat; u (3) recidiv f'delitt, volontarjament ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali.

**3.** Fir-rikors ta' appell tieghu tal-5 ta' April 2011 l-appellant indika li kien qieghed jappella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar is-seba' u t-tmien eccezzjonijiet li jghid li kellhom jigu milqugha minghajr rizervi. Inoltre, appella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Generali dwar l-inammissibilita` ta' tliet xhieda li kienu gew indikati mill-akkuzat fil-lista ta' xhieda tieghu.

**4.** Permezz tas-seba' u t-tmien eccezzjonijiet fin-nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Jannar 2010 l-akkuzat appellant eccepixxa:

"7. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri (Dok. MS) in kwantu l-istess xhud qatt ma gie nkarigat mill-Qorti biex jaghmel 'ezami medikolegali fuq il-persuna ta' Alison El Gamoudi';

"8. Ghall-istess raguni moghtija fl-eccezzjoni precedenti, l-inammissibilita` tax-xiehda ta' Dr. Mario Scerri b'eccezzjoni ta' dawk is-siltiet fejn jaghmel konstatazzjonijiet fattwali.**"**

**5.** Permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet tieghu ta' l-14 ta' Jannar 2010 l-Avukat Generali qal:

"Illi biha b'referenza ghan-nota ta' Mustafa Ahmed El Gamoudi tat-12 ta' Jannar 2010 u notifikat lill-esponent fl-14 ta' Jannar 2010, qed jaghti avviz ta' l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' prova ta' Victor Galea indikata fin-numru 5 tal-lista pprovduta stante li minn imkien ma jidher

li d-deposizzjoni tieghu hi jew tista' tkun relevanti ghall-mertu tal-kaz u ghaldaqstant ghandu jitqies inammissibbli.

"Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent qed jaghti avviz ta' l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' provi indikati ta' Raymond Zerafa u Andrew kunjomu mhux maghruf (numru 6 u 7 fil-lista) waqt l-istadju tal-gbir tal-provi u semmai d-deposizzjoni taghhom tkun permissibbli biss ai fini ta' piena u/jew tal-karattru tal-akkuzat u cioe` wara biss u jekk jinghata l-verdett ta' htija kontra l-istess akkuzat."

**6.** Fil-partijiet rilevanti tas-sentenza taghha dwar dawn l-eccezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**"Is-Seba' Eċċezzjoni – L-inammissibilita' tar-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri**

"27. Minhabba li Dr Mario Scerri ma kienx mahtur bhala espert mill-Qorti, id-dokument ghandu jitnehha mill-*cover* tieghu u jibqghu biss ir-ritratti u l-kostatazzjonijiet fattwali. Ghandhom jitnehhew il-konkluzjonijiet ukoll.

**"It-Tmien Eċċezzjoni - L-inammissibilita' tax-xhieda ta' Dr Mario Scerri salv is-siltiet fejn jagħmel kostatazzjonijiet fattwali.**

"28. Ghandhom jibqghu biss dawk li huma purament kostatazzjonijiet ta' fatt.

"....

**"Eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali**

"34. L-ewwel eċċezzjoni kienet dwar l-ammissibilita' tal-prova ta' Victor Galea (numru 5 fuq il-lista indikata mid-difiża) stante li minn imkien ma jidher li d-depożizzjoni tiegħu tista' tkun relevanti għall-mertu.

"35. Skond il-lista tax-xhieda dan għandu jixhed li l-akkużat kien imur jixtri minn għandu kif ukoll fatti oħra in ġenerali relatati mal-każ.

"36. Fil-fehma tal-Qorti ma jidher bl-ebda mod li dan ix-xhud jista' jitfa' xi dawl fuq il-fatti kif deskritti fil-Kapi tal-Att tal-Att tal-Akkuża. Għaldaqstant qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tiddikjara x-xhieda ta' Victor Galea bħala inammissibbli.

"37. L-Avukat Ġenerali eċċepixxa wkoll l-ammissibbilita' tax-xhieda mmarkati Raymond Zerafa u Andrew kunjomu mhux magħruf. Skond id-difiża dawn huma intiżi sabiex 'jixhdu dwar il-problemi li kien għaddej minnhom l-akkużat dak iż-żmien u fatti oħra u ċirkostanzi relatati mal-każ'. Minn din id-deskrizzjoni tal-għan ta' dawn ix-xhieda, ma jidhirx li dawn ix-xhieda huma relevanti. Għalhekk il-Qorti qed tiddikjara li huma inammissibbli għalkemm dejjem jistgħu jittellgħu (jekk ikun hemm ħtieġa) wara li jingħata l-verdett. "

**7.** Minn dawn il-partijiet tas-sentenza ta' l-1 ta' April 2010 appella, kif inghad, l-akkuzat. L-ewwel aggravju tieghu jirrigwarda s-seba' u t-tmien eccezzjonijiet li l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti kellha tilqaghhom minghajr rizervi. Jghid illi l-Qorti Kriminali ma laqghetx dawn l-eccezzjonijiet ghal dak li jirrigwarda r-ritratti u l-konstatazzjonijiet ta' fatt. Skont l-appellant, "galadarba Dr. Mario Scerri qatt ma kien gie inkarigat mill-Qorti biex jaghmel ezami medikolegali fuq il-persuna ta' Alison El Gamoudi, ix-xiehda tieghu u l-operat kollha tieghu ghandha tigi dikjarata bhala inammissibbli minghajr ebda rizervi. Dr. Mario Scerri ma ghandu ebda *locus standi* u ma jaf xejn dwar l-incident ghajr dak li gie a konoxxenza tieghu fil-vesti ta' espert tal-Qorti li effettivament ma kienx. Ghalhekk dawn iz-zewg eccezzjonijiet ghandhom jigu accettati minghajr ebda distinzjonijiet u rizervi."

**8.** Issa, mill-atti jirrizulta illi fil-11 ta' Settembru 2006 Alison El Gamoudi, mart l-appellant, giet ezaminata minn Dr. Mario Scerri f'kapacita` privata wara illi allegatament giet aggredita mill-appellant u sofriet xi offizi. Dr. Scerri, bhal

kwalunkwe tabib prattikanti, ghandu kull dritt jezamina pazjenti tieghu, jiccertifika dak li jirriskontra, u jixhed dwar il-kostatazzjonijiet li jkun ghamel. Peress illi normalment Dr. Scerri jigi mqabbad bhala espert tal-Qorti, dehrlu li c-certifikat tieghu kellu jaghtih il-bixra ta' rapport li solitament jipprezenta meta jkun nominat bhala tali. Peress illi f'dan il-kaz huwa gie prodott – u ser jerga' jigi prodott waqt il-guri – bhala xhud ordinarju u mhux bhala espert tal-Qorti, u ghalhekk biex jixhed fuq il-fatti (ara verbal tal-prosekuzzjoni tal-15 ta' Settembru 2011), ir-rapport tieghu jehtieglu certi tibdiliet sabiex ikun jista' jintuza waqt il-guri, u specifikatament is-segwenti:

(a) Jitnehhew il-*cover* (kif qalet l-ewwel Qorti) u l-ewwel zewg pagni.

(b) Jitnehhew:

f'pagna 2 – l-ahhar zewg paragrafi;
f'pagna 4 – l-ewwel vers;
f'pagna 7 – fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar, il-kliem minn "liema marka" sa
"ftit xhur qabel";
f'pagna 12 – fl-ewwel paragrafu, il-kliem minn "u kienet ilha" sa "ezami medikolegali";
f'pagna 12 – fit-tieni paragrafu, il-kliem minn "u kienet ukoll ilha" sa "ezami medikolegali";
f'pagna 12 – fl-ahhar paragrafu, il-vers "Din id-dbengila ... ezami medikolegali";
f'pagna 16 – fl-ewwel paragrafu, il-vers "Dawn id-dbengiliet ... ezami medikolegali";
f'pagna 16 – il-konkluzjonijiet (bhalma qalet l-ewwel Qorti), u cioe` r-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' paragrafi.

Dwar ir-ritratti m'hemmx dubju li dawn huma ammissibbli bhala prova. Difatti m'hemm l-ebda htiega ta' xi sengha partikolari sabiex jittiehdu ritratti li jirriproducu dak li hu oggettivament riskontrabbli.[1]

[1] Ara sentenza preliminari fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg** moghtija mill-Qorti Kriminali fil-25 ta' Mejju 1998.

**9.** Kwantu ghax-xiehda li ta Dr. Mario Scerri waqt l-istruttorja, bhalma qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ghandhom jibqghu biss dawk li huma kostatazzjonijiet ta' fatt. Konsegwentement, b'referenza ghax-xiehda tieghu li tinsab a fol. 14 sa 19 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni, ghandhom jitnehhew:

f'paġna 14 il-kliem minn "u qalet" sa "u stupraha".
f'paġni 15 – 16 il-kliem "li huma kompatibbli ma' soffokazzjoni fuq l-għonq."

**10.** It-tieni aggravju jirrigwarda d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Generali. L-appellant jghid illi galadarba ma tezisti ebda *exclusionary rule* fir-rigward tax-xhieda indikati minnu – Victor Galea, Raymond Zerafa u Andrew kunjomu mhux maghruf – dawn qatt ma setghu jigu ddikjarati bhala inammissibbli. Isostni: "Gie ripetutament ritenut li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhal kontrapposta ghar-rilevanza ta' l-istess, b'dan li, indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala rrilevanti fl-istadju tas-smigh tal-provi, l-istess m'ghandhiex tigi preventivament u aprioristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghal *'facts in issue'*."

**11.** Issa, kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-ammissibilita` ta' xhud hi essenzjalment haga differenti mir-relevanza tal-prova li wiehed ikun irid jaghmel permezz ta' dak ix-xhud. Nonostante cio` ghadhom jitressqu eccezzjonijiet li jinjoraw din id-differenza. Huwa ghalhekk opportun li jigu ribaditi il-principji li ghandhom jirregolaw il-materja u li gew elenkati ferm tajjeb fis-sentenza citata mill-appellant stess, u cioe` s-sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru 1990 minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Cioffi**. Dawn il-principji huma s-segwenti:

"(a) In generali inghad illi l-kuncett ta' ammissibilita` riferibbilment ghall-mezz ta' prova ghall-finijiet tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali proprjament jitqies bhala riferibbli

ghal ***'le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio'*** (Koll. Vol. XIX. IV.9) jew ghal ***'le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso'*** (Koll.Vol. XXVII.IV.595), bhala distint mis-semplici rilevanza 'ut sic'. Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad:

***"'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione `' propriamente quella di rilevanza della prova.....'***

"(b) Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 1977 in re IR-REPUBBLIKA TA' MALTA - VS - CECIL PACE U HENRY ALBERT PACE a propozitu ta' din id-distinzjoni osservat:

***"'Kif inghad ukoll minn din il-Qorti f'<u>Repubblika</u> <u>vs</u> <u>Joseph</u> <u>Gauci</u>, supra, din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju taghna u f'dan id-dawl forsi jista jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma 'relevancy' hi kontrapposta ghall-'admissibility' anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fil-fatt fid-decizjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirrizulta essenzjalment marbuta mad-divizjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta (kif kienet sal-1967 ghall-finijiet tal-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` tal-provi) u l-Imhallef tal-meritu; illum il-posizzjoni hi li l-Imhallef tal-meritu jiddeciedi hu ukoll din l-eccezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti izda peraltro jidher li l-posizzjoni baqghet sostanzjalment***

***l-istess.*** L-istess Qorti ziedet tghid: ***'...proprjament il-kwistjoni issa tirrisolvi ruhha f'wahda ta' appellabilita` o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li ghalihom gia saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu (Koll.Vol.XXVII.IV.597) u li 'la decisione sulla rilevanza o meno appartiene esclusivamente a tale Corte' billi l-Qorti Kolleggjali 'e` chiamata a decidere soltanto della ammissibilita` o meno (fis-sens propriu gia fuq imsemmi) di prove, ma non della loro rilevanza' (Koll Vol. XXI.IV.15, a pag.16).'***

"c) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet ziedet illi:

"***'Tassew li xi drabi jista' jaghti l-kaz li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar il-boghod u tipprezenta ruhha marbuta ma' dik tal-ammissibilita` fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per ezempju tincidi fuq principji ohra, bhallikieku fil-kaz ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti tal-akkuzat ta' atti kriminali (jew komunkwe 'wrongful') differenti minn dawk koperti mill-att ta' akkuza (ara sentenzi ta' din il-Qorti <u>Regina</u> <u>vs</u> <u>Paul</u> <u>Azzopardi,</u> supra, u <u>Repubblika</u> <u>vs</u> <u>Carmel</u> <u>Mangion</u> <u>et,</u> 11 ta' Dicembru, 1975)'*** izda spjegat illi meta pero` si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza 'ut sic', din hija tradizzjonalment imhollija ghall-apprezzament tal-Imhallef tal-meritu fil-kompetenza tieghu.

"(d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Generali rega' tenna f'dan l-appell u cioe` illi l-fatt illi qabel ma jwiegeb ghall-mistoqsija jekk ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra l-ammissibilita` tal-provi dikjarati mill-akkuzat jista' jitlob li dan jiddikjara l-oggett tal-prova u vice versa huwa intiz sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mir-rilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeciedi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fis-sentenza taghha citata in re PACE, supra, spjegat kif din is-sottomissjoni, **'ghalkemm ingenjuza, mhijiex korretta'** u li l-fatt li d-domanda dwar l-oggett tal-prova issir fl-istadju li ssir ma jbiddilx dak li gja inghad dwar id-

differenza bejn il-kuncett ta’ ammissibilita` u dak ta’ rilevanza u li kwistjoni ta’ mera rilevanza ta’ provi hija ta’ kompetenza tal-Qorti tal-meritu salv li, f'kaz partikolari u in vista ta’ dak li fuq inghad, din il-Qorti tara, nonostanti t-termini uzati, jekk il-kwistjoni kinitx verament wahda ta’ mera rilevanza fis-sens li inghad jew inkella le. Il-konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta’ decizjoni merament fuq rilevanza ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta’ decizjoni fuq ammissibilita` ta’ prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti.

“(e) Kif gie diversi drabi deciz, anki fis-sentenza appena citata, id-decizjoni dwar ir-rilevanza il-Qorti Kriminali ma tohodhiex u m’ghandiex tohodha in forza tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali izda bis-sahha tal-artikolu 520(2) tal-istess Kodici li jimponi fuq il-Qorti id-dover li ‘inter alia’ ma thallix li jsir fil-provi dak li **‘ma jkunx rilevanti jew ma jkollux x’jaqsam max-xorta tal-kawza’.**

“(f) Jigifieri qed jigi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta’ prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta’ l-istess prova, b’dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista’ tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tas-smiegh tal-provi, l-istess m’ghandiex tigi preventivament u prijoristikament eskluza jekk tista’ tirrizulta rilevanti ghal **‘facts in issue’**. Dana, din il-Qorti hasset il-bzonn li tirribadih peress li, kif inghad, spiss qed jigri li flok ma l-kuncetti ta’ ammissibilita` u ta’ rilevanza jinzammu distinti dak tar-rilevanza qed jigi ekwiparat ghal dak ta’ ammissibilita` u provi qed jigu eskluzi bhala irrilevanti qabel ma biss jkunu instemghu u qabel ma l-istess Qorti ta’ meritu tkun verament fil-posizzjoni li tivvaluta sewwa x’ikunu l-**‘facts in issue’.** Dan hu ezattament dak li gara fis-sentenza appellata billi l-ewwel Onorabbili Qorti halltet flimkien iz-zewg kuncetti indiskriminatament b’mod li ddecidiet l-ammissibilita` fuq kriterji legali zbaljati.”

**12.** Fil-kaz in ezami, l-Avukat Generali evidentement ekwipara r-relevanza tax-xhud Victor Galea ma’ l-

ammissibilita` tieghu. Fil-fatt fl-ewwel eccezzjoni tieghu jghid li dan ix-xhud mhuwiex relevanti ghall-mertu tal-kaz u “ghaldaqstant ghandu jitqies inammissibbli”. L-ewwel Qorti qalet illi fil-fehma taghha dan ix-xhud jidher li bl-ebda mod ma jista’ jitfa xi dawl fuq l-fatti kif deskritti fil-Kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza. L-ewwel Qorti jista’ ghandha ragun, izda ghandu jithalla f’idejn il-Qorti tal-mertu li tiddeciedi dwar ir-rilevanza o meno ta’ dan ix-xhud. Wara kollox ma tisatx tigi eskluza *a priori* l-possibilita` li Victor Galea huwa xhud rilevanti ghal xi difiza mqajma mill-appellant.

**13.** Kwantu ghall-eccezzjoni ta’ l-Avukat Generali dwar ix-xhieda Raymond Zerafa u Andrew kunjomu mhux maghruf, l-ewwel Qorti qalet li x-xiehda taghhom ma tidhirx rilevanti u ghalhekk hija inammissibbli. Hawn ukoll ma gietx apprezzata d-differenza bejn dak li hu rilevanti u dak li hu inammissibbli. Huwa veru illi l-ewwel Qorti qalet illi jkunu jistghu jigu prodotti, jekk ikun hemm il-htiega, wara li jinghata l-verdett. Dak li ntqal fil-paragrafu precedenti dwar ix-xhud Victor Galea japplika ghal dawn ix-xhieda ukoll. Id-difiza ghandha d-dritt tipproduci dawk ix-xhieda ammissibbli li jidhrilha huma mehtiega biex isahhu xi difiza mressqa u jkun ghall-Qorti tal-mertu li mbaghad tiddeciedi jekk tali xhieda humiex rilevanti ghall-*“facts in issue”*. Konsegwentement it-tieni aggravju ta’ l-appellant qieghed jigi milqugh.

**14.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u (a) tikkonfermaha in kwantu ordnat li jitnehha l-*cover* tar-rapport ta’ Dr. Mario Scerri u in kwantu ordnat li jitnehhew il-konkluzjonijiet fl-istess rapport, izda tordna li jitnehhew ukoll il-partijiet kollha ndikati f’paragrafu 8 *supra*; (b) tikkonfermaha in kwantu ordnat li fix-xiehda li ta Dr. Mario Scerri quddiem l-ewwel Qorti ghandhom jibqghu biss dawk li huma purament kostatazzjonijiet ta’ fatt, izda b’zieda ma’ dan tordna li jitnehhew il-partijiet indikati f’paragrafu 9 *supra*; (c) tirrevokaha in kwantu ddikjarat ix-xhud Victor Galea inammissibbli u in kwantu ddikjarat lix-xhieda Raymond Zerafa u Andrew kunjomu mhux maghruf inammissibbli salv li jistghu jigu prodotti (jekk ikun hemm il-htiega) wara l-verdett, u minflok tiddikjarahom xhieda ammissibbli salv id-dritt tal-Qorti

Kriminali li tiddetermina r-rilevanza o meno taghhom waqt is-smigh tal-guri. Tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-kaz skond il-ligi u, b'referenza ghall-helsien mill-arrest fil-pendenza tal-proceduri, tordna li l-akkuzat jerga' jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma ddahhal fl-izbarra llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------